StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 2

**L-EWWEL SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ___________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Taqsima A**

**Qabbel dawn is-sentenzi dwar il-Jum tal-Ħadd billi fil-kolonna tan-nofs timla n-numru korrett. (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġesù qam mill-mewt | | ikun joffendi lil Alla b'mod gravi. |
| 2 | Għalina l-Insara, il-Ħadd hu | | mid-dnub u ħabbibna m'Alla l-Missier. |
| 3 | F'dan il-jum Ġesù ħelisna | | jieqfu mix-xogħol. |
| 4 | F'dan il-jum infakkru r-rebħa | | Jum il-Mulej. |
| 5 | Nhar ta' Ħadd l-Insara | | aktar ħin fl-għaqda tal-familja. |
| 6 | Barra milli jieqaf mix-xogħol, in-Nisrani huwa obbligat li | | nieklu u noħorġu flimkien, u mmorru nżuru lin-nanniet. |
| 7 | Min, għal ebda raġuni, ma jismax il-quddies | | fil-jum tal-Ħadd. |
| 8 | Nhar ta' Ħadd għandna ngħaddu | | nipprattikaw dak li niċċelebraw fil-quddiesa. |
| 9 | L-għaqda tal-familja tidher meta | | ta' Ġesù fuq il-mewt u d-dnub. |
| 10 | Matul il-ġimgħa, imbagħad, inkomplu | | jieħu sehem fil-quddiesa. |

**Taqsima B**

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet. (10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ħmira | l-kmandamenti | fis-Sinagoga | Eġittu | Ġerusalemm |
| ħaruf | ġimgħa | Sibt | Mosè | tat-tined |

1. Kull nhar ta' ______________, il-Lhud imorru jitolbu _______________ .
2. Fi żmien Ġesù, ħafna Lhud kienu jiċċelebraw il-festi l-kbar fit-tempju ta' _______________.
3. Dawn il-festi l-kbar tal-Lhud kienu jdumu ________________ sħiħa.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Il-Lhud jiċċelebraw il-festa tal-Għid b'ikla li fiha jieklu _______________ u ħobż bla _________________ .
5. Fil-festa tal-Għid huma jfakkru meta Alla ħeles lil missirijiethom mill-_________________.
6. Fil-festa tal-Ġimgħat il-Lhud ifakkru meta Alla ta ______________ lil ________________ .
7. Fil-festa ______________, il-Lhud jirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li kienet tipproduċi l-art.

**Taqsima C**

**1. Imla l-vojt biex tkompli l-ġrajja ta' Ġesù fil-Ġetsemani b'dawn il-kelmiet. (13-il marka)**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Għid | mnikkta | fit-tiġrib | taż-Żebbuġ | qalbu | Missier | jien |
| Ġakbu | is-Salmi | biegħed | reqdin | nitlob | int | |

Hekk kif temmew l-ikla tal-________________, Ġesù u d-dixxipli kantaw ________________ u ħarġu lejn l-Għolja ________________. Waslu fi ġnien, jgħidulu l-Ġetsemani, u Ġesù qal lid-dixxipli, "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk ________________." U ħa miegħu lil Pietru, lil ________________ u lil Ġwanni, u beda jsewwed________________u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom, " Għandi ruħi ________________ għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi."

Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid: "________________, jekk jista' jkun, ________________ minni dan il-kalċi! Iżda mhux kif irrid ________________ iżda kif trid ________________".

Ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom ________________; u qal lil Pietru; "Ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi? Ishru u itolbu biex ma tidħlux ________________."

**2. Issa wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-ġrajja ta' Ġesù fil-Ġnien tal-Ġetsemani. (12-il marka)**

1. Lil min ħa miegħu Ġesù fil-Ġnien tal-Ġetsemani? **(2 marki)**

_______________________________________________________________

2. Għaliex Ġesù beda jsewwed qalbu u jitnikket? **(3 marki)**

_______________________________________________________________

3. X'riedhom jagħmlu Ġesù lill-appostli li ħa miegħu? **(2 marki)**

_______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'talab Ġesù lil Alla l-Missier fil-Ġnien tal-Ġetsemani? **(2 m**

_______________

_______________

5. Agħti eżempju mill-ħajja tiegħek ta' kif iġġib ruħek biex tagħmel bħalma għamel Ġesù fil-Ġnien tal-Ġetsemani.

**(3 marki)**

_______________

_______________

**Taqsima D**

**Semmi ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù li ġrat f'dawn il-postijiet tal-Palestina.** **(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| Eżempju. | Betlehem | Ġesù twieled f'għar. |
| 1. | Kana | _______________ |
| 2. | Nazaret | _______________ |
| 3. | Tabor | _______________ |
| 4. | Għemmaws | _______________ |
| 5. | Ġerusalemm | _______________ |

**Taqsima E**

**F'liema ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù jfakkruk dawn is-sentenzi?** **(10 marki)**

Eżempju "Hawn m'għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet."
Il-ġrajja ta' meta Ġesù tema' 5000 ruħ.

1. "Agħmlu kull ma jgħidilkom Hu."

_______________

2. "Bewsa għażilt biex tittradixxi lil Bin il-Bniedem?"

_______________

3. "Tassew ngħidlek, illum tkun miegħi fil-Ġenna."

_______________

4. "Għaliex ġejtu tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? Mhuwiex hawn. Qam kif kien qal."

_______________

5. Huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom.

_______________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(20 mark...**

1. F'liema ktieb tal-Bibbja hija msemmija Malta?

2. F'liema pajjiż għex Ġesù?

3. Għaliex lill-Fariżej Ġesù sejħilhom 'oqbra mbajda'?

4. Min kiteb l-erba' Evanġelji?

5. X'kien jismu t-tifel ta' Abraham?

6. Semmi mod wieħed kif Alla għen lil-Lhud fid-deżert, wara li ħarġu mill-Eġittu?

7. X'inhi parabbola?

8. X'għamel Ġesù fuq is-salib biex jgħallimna naħfru?

9. Semmi miraklu ta' Ġesù li fih fejjaq lil xi marid/a.

10. Min kien l-ewwel sultan tal-Lhud?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima G**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet.** **(15-il marka)**



1. **Ikteb fi kliemek il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa u għid x'ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola**.

Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: mitt nagħġa, disgħa u disgħin, jerfagħha, spallejh, feraħ, Alla, il-midneb, jikkonverti, jaħfirlu

JEW



1. **Ikteb 5 sentenzi fuq Abraham u għid x'nitgħallmu mill-ħajja tiegħu.**

Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: sejjaħlu, obda, Iżakk, sagrifiċċju, nemmnu f'Alla, nobduh

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers